MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru 1172/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**EDWARD BONNICI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Edward Bonnici ta’ 57 sena, bin il-mejtin Anthony u Vincenza nee’ Galea, imwieled il-belt Valletta, fit-23 t’Ottubru, 1949 u joqghod fil-font numru: 47, Triq l-Isptar l-Antik, il-belt Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 860249(M) gie akkuzat:

A) talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Gunju, 2006 u fix-xhur ta' qabel dina d-data, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti, skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom u dana bi ksur ta' l-artiklu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
B) U aktar talli, fix-xhur ta' qabel u nhar l-10 ta' Gunju, 2006, saq vettura ta' l-ghamla Mazda, mudell 323, bin-numru tar-registrazzjoni: CAT-263, minghajr ma kien illicenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b'hekk ma kienx assigurat kontra t-terzi persuni ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni u dana bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
C) Akkuzat ukoll talli, matul ix-xahar ta' Mejju, 2006, ikkommetta is-serq tal-licenzja tat-triq ta' vettura ta' l-ghamla Ford, mudell Cortina, bin-numru tar-registrazzjoni: ABM-263, li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq Dingli, tas-Sliema, liema serq hu kkwalifikat bin-natura ta' haga misruqa u dan bi ksur ta' l-artiklu 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputat Edward Bonnici m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuza A) migjuba kontra l-imputat li hi nkwadrata fl-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza C) li

tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza A).

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuza B) u tal-akkuza C) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza B) u tal-akkuza C) migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li f'dan il-kaz ma kienx hemm spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikoli 261(g), 271(g) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Edward Bonnici, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza B) u tal-akkuza C) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Edward Bonnici taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Edward Bonnici ghall-piena ta' Elf u hamsin Liri Maltin (Lm1050) multa.

Inkwantu ghall-akkuza A), fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija akkuza A).

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-art. 3(2A) tal-Kap. 104, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat Edward Bonnici, milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-art. 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija talba a tenur tal-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imsemmija talba li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Edward Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------